Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may be obtained from the Government Pharmaceutical Services, Triq Clarence, Guardamangia, between 8.00 a.m. and noon.

29th April, 2005

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Mejju, 2005 fil-Kaxxa ta' l-Offerti Nru. 2 (Kulur Kannella) jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista ta':-

Avviż Nru. MST 354/05. *Promethazine 5mg/5ml suspension.*

Avviż Nru. MST 355/05. *Deoxycoformycin 10mg vials.*

Avviż Nru. MST 356/05. *Pyridoxine 50mg tablets.*

Avviż Nru. MST 357/05. *Antihaemophilia factor VIII x 500iu.*

Avviż Nru. MST 358/05. *Implant knives 5.2mm.*

Avviż Nru. MST 359/05. *Low adhesive sterile dressing – 5 x 5 cms.*

Avviż Nru. MST 361/05. *H.C.V. confirmatory tests.*

Avviż Nru. MST 377/05. *Buspirone 10mg tablets.*

Avviż Nru. MST 378/05. *Cyclophosphamide 50mg tablets.*

Avviż Nru. MST 379/05. *Food preparation – duocal powder super soluble.*

Avviż Nru. MST 380/05. *Mesterolone 25mg tablets.*

Avviż Nru. MST 381/05. *Prempack C1, 25mg tablets.*

Avviż Nru. MST 382/05. *Vincristine sulphate vials.*

Avviż Nru. MST 383/05. *Tolbutamide 500mg tablets.*

Avviż Nru. MST 384/05. *Urokinase 50,000 iu injections.*

Avviż Nru. MST 385/05. *Haemostatic compress 10cm x 7cm x 0.3cm.*

Avviż Nru. MST 386/05. *Low electrolyte preparation oral preparation.*

Avviż Nru. MST 387/05. *Hydrocollid dressings extra thin.*

Avviż Nru. MST 388/05. *Cyclophosphamide 200mg and 1g vials.*

Avviż Nru. MST 389/05. *Activated charcoal dressings 10cm x 10cm.*

Avviż Nru. EXMST 086/05. *Amoxycillin and clavulanic acid 600mg injections.*

Avviż Nru. EXMST 100/05. *Granciclovir 500mg iv injections.*

Avviż Nru. EXMST 101/05. *Gentamicin bead chains.*

Avviż Nru. EXMST 102/05. *Thiamine 50mg tablets.*

Avviż Nru. EXMST 107/05. Vaċċin tad-difterite u tetanu għat-tfal.

L-offerti kollha msemmija hawn fuq tal-*Medical Stores* jistgħu jinkisbu minn fuq:

http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-29 ta' April, 2005

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed tenders will be received in the Tender Box No. 2 (Colour Brown) up to 10.00 a.m. on Monday, 30th May, 2005, for the supply of:-

Advt. No. MST 354/05. Promethazine 5mg/5ml suspension.

Advt. No. MST 355/05. Deoxycoformycin 10mg vials.

Advt. No. MST 356/05. Pyridoxine 50mg tablets.

Advt. No. MST 357/05. Antihaemophilia factor VIII x 500iu.

Advt. No. MST 358/05. Implant knives 5.2mm.

Advt. No. MST 359/05. Low adhesive sterile dressing – 5 x 5 cms.

Advt. No. MST 361/05. H.C.V. confirmatory tests.

Advt. No. MST 377/05. Buspirone 10mg tablets.

Advt. No. MST 378/05. Cyclophosphamide 50mg tablets.

Advt. No. MST 379/05. Food preparation – duocal powder super soluble.

Advt. No. MST 380/05. Mesterolone 25mg tablets.

Advt. No. MST 381/05. Prempack C1, 25mg tablets.

Advt. No. MST 382/05. Vincristine sulphate vials.

Advt. No. MST 383/05. Tolbutamide 500mg tablets.

Advt. No. MST 384/05. Urokinase 50,000 iu injections.

Advt. No. MST 385/05. Haemostatic compress 10cm x 7cm x 0.3cm.

Advt. No. MST 386/05. Low electrolyte preparation oral preparation.

Advt. No. MST 387/05. Hydrocollid dressings extra thin.

Advt. No. MST 388/05. Cyclophosphamide 200mg and 1g vials.

Advt. No. MST 389/05. Activated charcoal dressings 10cm x 10cm.

Advt. No. EXMST 086/05. Amoxycillin and clavulanic acid 600mg injections.

Advt. No. EXMST 100/05. Granciclovir 500mg iv injections.

Advt. No. EXMST 101/05. Gentamicin bead chains.

Advt.No. EXMST 102/05. Thiamine 50mg tablets.

Advt. No. EXMST 107/05. Diphteria and tetanus vaccine paediatric.

All the above Medical Stores Tenders can be downloaded from:

http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services, Pjazza San Luqa, Guardamangia, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

29th April, 2005

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Mejju 2005 fil-kaxxa ta' l-offerti jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MCH 44/2005. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *cold room* fl-Isptar Monte Karmeli.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts,* Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Qabel ma jingħabru d-dokumenti ta' l-offerta, l-offerenti prospettivi għandhom iħallsu dritt ta' Lm15 fl-Uffiċċju tad-Direttur Finanzi u Amministrazzjoni, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard.

Id-29 ta' April, 2005

DEPARTMENT OF HEALTH

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box up to noon of Friday, 20th May, 2005, for:-

Advt. No. MCH 44/2005. Supply, installation and commissioning of a cold room at Mount Carmel Hospital.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Accounts Section, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard from 8.00 a.m. to noon.

Before collecting the tender documents, prospective tenderers are to pay a fee of Lm15 at the Director Finance and Administration Office, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard.

29th April, 2005

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

Iċ-*Chairman*, Malta Industrial Parks Ltd, jgħarraf illi:

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-11 ta' Mejju 2005, fl-uffiċċji tal-Malta Industrial Parks Ltd, Fabbrika UB8 fil-Park Industrijali ta' San Ġwann, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

*Avviż Nru. MIP/TQFGEN/D03/05. Tiswijiet ta' pjanċi tas-soqfa/kanali eċċ. ta' l-azzar f'diversi oqsma industrijali.

Għandu jithallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu minghand l-uffiċċju tal-Malta Industrial Parks Ltd., Fabbrika UB8 fil-Park Industrijali ta' San Ġwann, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Id-29 ta' April, 2005

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

The Chairman, Malta Industrial Parks Ltd, notifies that:

Sealed tenders will be received at the offices of the Malta Industrial Parks Ltd, Factory UB8 at San Ġwann Industrial Park, up to 10.00 a.m. on Wednesday, 11th May, 2005, for:–

*Advt. No. MIP/TQF/GEN/D03/05. Repairs to steel roof sheeting, gutters, etc. at various industrial estates.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

*Advertisement appearing for the first time

Forms of tender and further information may be obtained from the offices of Malta Industrial Parks Ltd., Factory UB8, San Ġwann Industrial Park, on any working day between 8.30 a.m. to 11.30 a.m.

29th April, 2005

UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT

L-Uffiċċju tal-President jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Mejju 2005, fit-Taqsima ta' l-Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-President, Il-Palazz, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. OPR 1/2005. *Network* għad-distribuzzjoni elettrika u xogħlijiet relatati fil-Palazz ta' San Anton.

Se ssir sessjoni ta' *briefing* fuq il-post nhar it-Tlieta, l-10 ta' Mejju 2005 fil-Palazz ta' San Anton fid-9.30 a.m. Il-parteċipanti għandhom jinġabru fil-*parking area* privata u jitħallew jidħlu fil-*grounds* tal-palazz wara li juru l-Karta ta' l-Identità tagħhom lill-impjegati tas-sigurtà.

Id-dokumenti ta' l-offerta u d-disinji jitqassmu matul is-sessjoni ta' *briefing*, tittieħed rassenja ta' l-attendenza sabiex l-offerti ta' dawk interessati u li jkunu attendew għall-*briefing* jiġu kkunsidrati.

Id-29 ta' April, 2005

OFFICE OF THE PRESIDENT

The Office of the President notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Administration Section, Office of the President, The Palace, Valletta, up to 10.00 a.m. of Friday, 20th May 2005, for:-

Advt. No. OPR 1/2005. Electrical distribution network and related works at San Anton Palace.

An ON-SITE BRIEFING SESSION will be held on Tuesday, 10th May 2005 at San Anton Palace, at 9.30 a.m. Participants are to assemble at the private parking area and will be allowed entry into the palace grounds on presentation of their I.D. Cards to security personnel.

As tender documents and drawings will be distributed during the briefing sessions, of which a record of attendance will be kept, only tenders submitted by interested parties who attend the briefing will eventually be considered.

29th April, 2005

KUNSILL MALTI GĦALL-I*SPORT*

Servizz Professjonali - Legali *(Retainer Basis)*

Il-Kunsill Malti għall-I*sport* għandu bżonn is-servizz fuq bażi ta' *retainer* ta' avukat/avukati biex jipprovdi għajnuna legali u servizzi oħra relatati. Avukati interessati għandu jkollhom ta' l-anqas ħames (5) snin esperjenza ta' prattika legali.

L-applikazzjonijiet iridu jiġu indirizzati lil Kap Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv, Bormla, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, l-10 ta' Mejju 2005. Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mir-*Registry* tal-Kunsill Malti għall-I*sport,* Kumpless Sportiv Bormla. Tel: 21660858/9 jew *email:* kms@sportmalta.org.mt waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-29 ta' April, 2005

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Professional Service - Legal (Retainer Basis)

The Kunsill Malti għall-Isport requires to engage on retainer basis a lawyer/lawyers to provide legal services and other specific duties. Interested lawyers should have at least five (5) years experience as a practicing lawyer.

Applications should be addressed to the Chief Executive Officer, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua by not later than noon of Tuesday, 10th May 2005. Further details can be obtained from the Registry, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua, Tel: 21660658/9 or email: kms@sportmalta.org.mt during office hours.

29th April, 2005

STAMPERIJA TAL-GVERN

L-Aġent Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Mejju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 5/2005. *Offset Cartridge Paper.*

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-i*Store Procurement Section,* Stamperija tal-Gvern, 29A, Qasam Industrijali, il-Marsa, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-29 ta' April, 2005

GOVERNMENT PRINTING PRESS

The Acting Director, Government Printing Press, notifies that:–

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 13th May, 2005, for:–

Advt. No. 5/2005. Offset Cartridge Paper.

Forms of tender may be obtained from the Store Procurement Section, Government Printing Press, 29A, Industrial Estate, Marsa, during normal office hours.

29th April, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi qed iniedi sejħa għal espressjoni ta' interess għal:

Sħubija ma' ditta/i lokali u/jew barranija biex tistabilixxi Faċilità Vokazzjonali Edukattiva u ta' Taħriġ fl-MCAST b'aċċess għal ambjent reali ta' xogħol, permezz ta' l-imsieħba tagħha, biex jiġi provdut tagħrif u kompetenzi fl-oqsma ta' l-i*scaffolding* u *rigging* (EXP 05/05).

Qed issir enfasi li din hija talba għal sħubija u mhux talba mill-MCAST biex jinxtara tagħmir. Il-kulleġġ se jkollu facilità ta' xogħol ta' *scaffolding* reali simulat fil-*Campus* li għandu fin-Naxxar għal taħriġ ta' snajja' u tagħrif. L-MCAST qed ifittex sħab li għandhom dedikazzjoni qawwija għal taħriġ u l-introduzzjoni ta' *standards*/kompetenzi internazzjonali rikonoxxuti għal dan il-qasam. Applikanti huma mistennija li jkunu involuti b'mod attiv fit-twaqqif ta' *scaffolding* u *rigging*. Huma mistennija wkoll jikkontribwixxu assessuri kwalifikati fis-settur għal 'post tax-xogħol' għal skopijiet ta' taħriġ kif ukoll tagħmir ta' *scaffolding* approvat kif suppost.

Dawk interessati għandhom jibagħtu l-proposti tagħhom lill-Kontrollur Finanzjarju, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Proposti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa apposta mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, id-9 ta' Mejju, 2005.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi jiġi kkuntattjat id-Direttur ta' l-Istitut ta' l-Inġinerija tal-Bini u Kostruzzjoni fuq Tel: 21 423626. Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati. Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Id-29 ta' April, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is calling for an expression of interest for a:

Partnership with a local and/or foreign firm/s to establish a Vocational Education and Training Facility at MCAST with access to a real work environment, through its partners, for the purpose of providing knowledge and competencies in the disciplines of scaffolding and rigging. (EXP 05/05).

It must be stressed that this is a request for a partnership and not a request by MCAST to purchase equipment. The College will have a simulated realistic scaffolding work facility at its Naxxar Campus for the purposes of knowledge and skills training. MCAST is looking for partners who have a strong commitment to training and the introduction of internationally recognised standards/competencies for the sector. Applicants would be expected to be actively involved with the erecting of scaffolding and rigging. They would also be expected to contribute sector-qualified assessors to the 'work place' for training purposes as well as appropriately approved scaffolding equipment.

Interested parties should send their proposal to the Financial Controller, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. Proposals should be deposited in the appropriate box by not later than Monday, 9 May 2005 at noon.

Further information can be obtained by contacting the Director of the Institute of Building and Construction Engineering, on Tel: 21 423626. Late proposals will not be considered. The College reserves the right to refuse any or all applications, even the most advantageous.

29th April, 2005

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006,
Projects Part-Financed by the European Union
European Social Fund (ESF)

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Mejju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1128. Xogħlijiet ta' *vinyl flooring* fl-Estensjoni tal-Bini tal-Kimika – l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10.50 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet relativi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 316A, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Mejju, 2005, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Id-29 ta' April, 2005

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 18th May, 2005, for:-

Advt. No. UM/1128. Vinyl flooring works at the Chemistry Building Extension – University of Malta.

A document fee of Lm10.50 (inclusive of VAT) should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 18th May, 2005 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

29th April, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, id-19 ta' Mejju, 2005, fil-Kaxxa ta' l-Offerti f'Kamra 144, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. PS 09/2005. Bejgħ *tale quale* ta' magni/tagħmir tqil servibbli (*ex*-Skola tas-Subien San Ġużepp Ħaddiem – il-Marsa) f'dik li kienet l-Iskola tas-Snajja' Umberto Calosso – Sta. Venera.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-*Procurement,* Kamra 144 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Id-29 ta' April, 2005

EDUCATION DIVISION

The Director General of Education notifies that:-

Sealed tenders should be deposited in the Tender Box at Room 144, Education Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Thursday, 19th May, 2005, for:-

Advt. No. PS 09/2005. Sale tale quale of serviceable heavy machinery/equipment (ex-San Ġużepp Ħaddiem Boys' School – Marsa) at the former Umberto Calosso Boys' Trade School – Sta. Venera.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Tenders should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Procurement Section, Room 144 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

29th April, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, id-19 ta' Mejju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. F.S.B. 12/05. Xiri ta' *laptop computers* għat-Taqsima Sekondarja ta' l-*ICT*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mis-Servizzi Finanzjarji, Kamra 136/137 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti għandhom ikunu magħluqa f'*envelope* indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa ta' l-Offerti fit-Taqsima tas-Servizzi Finanzjarji (Kamra 130), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

Id-29 ta' April, 2005

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 19th May, 2005, for:-

Advt. No. F.S.B. 12/05. Purchase of laptop computers for the ICT Secondary Section.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Offers should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Financial Services, Room 136/137 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Tenders should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box, located near the Financial Services Branch (Room 130), Education Division, Floriana.

29th April, 2005

KUMITAT KONĠUNT TAL-KUNSILLI LOKALI TRAMUNTANA

Il-Kunsill Lokali Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar u San Pawl il-Baħar qed jagħmlu sejħa għall-offerti *(turn-key)* magħluqin għall-bdil ta' fond li se jintuża bħala t-Tribunal Lokali u Uffiċċju Amministrattiv, fi Triq Ġulju, Buġibba (Avviż Nru. 03/05).

Dawk il-persuni/kumpaniji interessati li jipprovdu dan is-servizz għandhom jiksbu d-dokument ta' l-offerta mill-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-Uffiċjal Awtorizzat, Tribunal Lokali, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta wara li jitħallas dritt ta' Lm50.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-Uffiċjal Awtorizzat sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Mejju, 2005.

L-offerti għandu jkollhom magħhom *bid-bond* skond il-valur ikkwotat jew kif stipulat fid-dokument ta' l-offerta.

Il-Kumitat Konġunt Tramuntana jirriżerva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta li tidher vantaġġjuża.

Id-29 ta' April, 2005

LOCAL COUNCILS JOINT COMMITTEE NORTH

The Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar and San Pawl il-Baħar Local Councils are jointly issuing a call for sealed tenders (turn-key) for the conversion of premises into Local Tribunal and Administrative Office, situated at Triq Ġulju, Buġibba (Advt. 03/05).

Interested parties are to collect tender documents from the Administrative Office of the Authorised Officer at the Mosta Local Tribunal, Civic Centre, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta at a fee of Lm50.

Tender documents are to be deposited ONLY in the appropriate Tender Box at the Administrative Office of the Authorised Officer by noon on Monday, 30th May, 2005.

Tenders are to be accompanied by a bid-bond based on the quoted cost or as stipulated in the tender document.

The Joint Committee North reserves the right to refuse even the most seemingly advantageous offer.

29th April, 2005

KUNSILL LOKALI XEWKIJA

Il-Kunsill Lokali Xewkija jgħarraf illi:-

Sas-1.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Mejju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 2005/06-01. Servizz ta' tindif ta' toroq.

Avviż Nru. 2005/06-02. Servizz ta' *Contract Manager* – Perit.

Kopji ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali għall-ħlas ta' Lm10 għal kull dokument. L-offerti jinfetħu quddiem il-pubbliku mad-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-29 ta' April, 2005

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

The Xewkija Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 1.00 p.m. of Friday, 20th May 2005, for:-

Advt. No. 2005/06-01. Street cleaning services.

Advt. No. 2005/06-02. Services of Contract Manager (Architect and Civil Engineer).

Copies of tenders are available from the Local Council Office for the fee of Lm10 for each document. The tenders will be opened in public at the time of the closing date.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the best offer.

29th April, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

863

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-30 ta' Marzu 2005, minn Vincent Philip Farr, Rikors numru 195/2005, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu fl-intier is-SUĊĊESSJONI, ta' ħuh Michael Farrugia, ġuvni, iben il-mejtin Emanuel Farrugia u Rose Farrugia neé Magro magħrufa bħala Magri, imwieled il-Qrendi u miet il-Pietà fil-31 ta' Awissu 2004, ta' 81 sena u kellu karta ta' l-identità numru 177923(M) u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fiħ.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum, 28 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 30th March 2005, by Vincent Philip Farr, Application number 195/2005, whereby he asked that there be declared open in its entirety in his favour the SUCCESSION of his brother Michael Farrugia, bachelor son of the late Emanuel Farrugia and Rose Farrugia neé Magro, known as Magri, born in Qrendi and died in Pietà on the 31st August 2004, aged 81 and who had identity card number 177923(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today, 28th April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

864

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-3 ta' Novembru 2004, rikors numru 702/2004, minn Carmelo Abela, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Maria Abela, Suor Ġuża, Joseph u Emanuela, aħwa Vella (ilkoll ħut id-decujus) u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Rosina Vella, xebba, bint il-mejtin Vittorio Vella u Alessandra Vella neè Borg, imwielda Mellieħa, kienet toqgħod il-Mellieħa u mietet Pietà fit-12 ta' Frar, 2003 ta' 84 sena u kellha karta ta' l-identità numru 533318(M) u li mietet b'testament datat 24 ta' Lulju 1995, in atti tan-Nutar Dottor John Debono u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 25 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 3rd November 2004, application number 702/2004, by Carmelo Abela whereby he asked that it be declared open in favour of Maria Abela, Sister Ġuża, Joseph and Emanuela, sisters and brothers Vella (all siblings of the decujus) and this in the quota of (1/4) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Rosina Vella, unmarried, daughter of the late Vittorio Vella and Alessandra Vella neè Borg, born in Mellieħa, resided in Mellieħa and died in Pietà on the 12th February 2003, aged 84 and had identity card number 533318(M) and who died leaving a will dated 24th July 1995, in the records of Notary Dr John Debono and thus the issuing of the bann was ordered in order that any interest party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 25th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunal

865

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-29 ta' Marzu 2005, minn Maria Assunta armla ta' Anthony Pace u oħrajn, (rikors numru 192/2005) fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mary armla ta' Joseph Zammit, Josephine mart Carmel Borg, Evelyn già Muscat mart Tony Fernandes, aħwa Pace, ulied id-decujus minn ma' martu Maria Assunta Pace u dan fi kwota ta' ħdax -il parti minn sitta u tletin (11/36) kull wieħed u waħda minnhom u favur Giovanna sive Joan mart John Mifsud, Alfred u Joseph, aħwa Pace, ulied id-decujus minn mat-tieni mara u cioè minn ma' Maria Dolores Micallef u dan fi kwota ta' parti waħda minn sitta u tletin (1/36) kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Anthony Pace, bin il-mejtin Giuseppe Pace u Giuseppa neè Gauci, imwieled l-Imsida, kien joqgħod Gżira u miet Pietà fil-25 ta' Ġunju 1998, ta' 68 sena u li miet bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 25 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 29th March 2005, by Maria Assunta widow of Anthony Pace and others (application number 192/2005) whereby she asked that there be declared open in favour of Mary widow of Joseph Zammit, Josephine wife of Carmel Borg, Evelyn previously Muscat wife of Tony Fernandes, sisters Pace, children of the decujus from his wife Maria Assunta Pace and this in the quota of eleven parts out of thirty six (11/36) in favour of each one of themġ and in favour of Giovanna sive Joan wife of John Mifsud, Alfred and Joseph sister and brothers Pace, children of the decujus from the second wife and that is from Maria Dolores Micallef and this in the quota of one part out of thirty six (1/36) in favour of each one of them the SUCCESSION of Anthony Pace, son of the late Giuseppe Pace and Giuseppa neè Gauci, born in Msida, lived in Gżira and died in Pietà, on the 25th June 1998, aged 68, and who died without a will and thus the issuing of the bann was ordered in order that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 25th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

866

Ikun jaf kulħadd ili l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Settembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4055/04, ippreżentata fid-9 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet Joseph Caruana Smith et vs Paul Privitera, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fid-9 ta' Lulju 2004, lil Paul Privitera, 129, Triq Liedna, Fgura, Joseph Caruana Smith, 23, Battersea Flats, Amery Street, Sliema u Mary Rose Caruana Smith, 37, Triq il-Prinjoli, Santa Luċija bħala l-propjetarji tal-garaxx numru ħamsa (5) fi Triq l-Iżbark tat-Torok, Qajjenza, Birżebbuġa, lilek mikri, jinfurmawk formalment li huma inkarigaw lil Avukat Dott. Albert Libreri ta' Caveca Buildings, Office 2, 192, Cospicua Road, Raħal Ġdid sabiex f'isimhom it-tnejn jiġbor u jirċievi l-kera kollu ġa dovut minnek u għaldaqstant int mitlub sabiex fi żmien ġimgħatejn min-notifika lilek ta' din l-ittra, tħallas lill-imsemmi avukat is-somma ta' tmien mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm825) dovuti minnek bħala kera għall-perjodu mid-9 ta' Novembru 1999, sat-8 ta' Novembru 2004.

Jekk il-ħlas ma jsirx permezz tal-posta, għandu jsir nhar it-Tnejn jew l- Erbgħa fl-uffiċċju ta' l-avukat fuq indikat wara s-6.30 p.m.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 15th September 2004, in the acts of the judicial letter number 4055/04, filed on the 9th July 2004, in the names Joseph Caruana Smith et vs Paul Privitera, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 9th July 2004, against Paul Privitera, 129, Liedna Street, Fgura, Joseph Caruana Smith, 23, Battersea Flats, Amery Street, Sliema and Mary Rose Caruana Smith, 37, Il-Prinjoli Street, Sta. Luċija as owners of the garage number five (5) in l-Iżbark tat-Torok Street, Qajjenza, Birzebbugia, granted on lease to you, formally inform you that they appointed Advocate Dr Albert Libreri of Caveca Buildings, Office 2, 192, Cospicua Road, Paola so that on behalf of both, he collects and receives all the rent due by you and thus you are asked so that within two weeks, from the date you are notified with this letter, you pay the said lawyer the sum of eight hundred and twenty five liri (Lm825) due by you as rent for the period from the 9th November 1999 till the 8th November 2004.

If payment is not made by post, it is to be made on Monday or Wednesday at the office of the lawyer above indicated after 6.30 p.m.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 25th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

867

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' Frar 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Edgar Galea għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Raymond Zarb għan-nom ta' Euro Rentals Co Limited ta' Victoria Insurance Sky Apts., Marina Street, Pietà, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' Awissu 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Hilda Bray ta' Dolphin Court, Flat 3, Triq G Despot, San Pawl il-Baħar sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u għoxrin lira Maltija (Lm320) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi in konnessjoni ma' inċident awtomobilistiku.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1541/04AJD) hija differita għat-3 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 21st February 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Edgar Galea for and on behalf of Citadel Insurance p.l.c. (C21550), as subbrogated in the rights of her insured Raymond Zarb for Euro Rentals Co Limited, of Victoria Insurance Sky Apts., Marina Street, Pietà, filed a claim on the 5th August 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Hilda Bray of Dolphin Court, Flat 3, Triq G. Despot, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and twenty Maltese liri (Lm320) which amount is due to the plaintiff company in connection with a collision.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1541/04AJD) is put off to the 3rd May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

868

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Eden Entertainment Limited (C26701), ta' Eden Place, St Augustine Street, St Georges Bay, San Ġiljan, ippreżentaw Talba fil-15 ta' Diċembru 2003, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Papyrus Reprographic Services Limited ta' 80, Triq Erin Seracino Inglott, l-Iklin iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm208.63) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 2477/03 PBC) hija differita għall-5 ta' Mejju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 17th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Eden Enertainment Limited (C26701), of Eden Place, St Augustine Street, St Georges Bay, St Julians, filed a claim on the 15th December 2003, whereby they asked the Tribunal to condemn Papyrus Reprographic Services Limited of 80, Triq Erin Seracino Inglott, Iklin to pay the plaintiff company the sum of two hundred and eight Maltese liri and sixty three cents (Lm208.63) for reasons indicated in the writ of summons.

With costs and legali interest.

The case (Claim Number 2477/03PBC) is put off to the 5th May 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

869

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-1 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Christine Mifsud ta' 41, Freedom House, Triq Ġużè Abela, iż-Żejtun, ippreżenta Talba fl-20 ta' Lulju 2004, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Charles Cassar ta' Meadow Vale, 4, Triq il-Mulett, ix-Xgħajra, iħallas lill-attriċi s-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1,500) liema ammont huwa dovut lill-attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1481/04AJD) hija differita għas-6 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 1st April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Christine Mifsud of 41, Freedom House, Triq Ġużè Abela, Żejtun, filed a Claim on the 20th July 2004, whereby she asked the Tribunal to condemn Charles Cassar of Meadow Vale, 4, Triq il-Mulett, Xgħajra, to pay the plaintiff the sum of one thousand five hundred (Lm1,500) which amount is due to the plaintiff.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1481/04AJD) is put off on the 6th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

870

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-10 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fit-18 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alliance Malta Limited (C25896) ta' 35, Zachary Street, Valletta jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u sitta u għoxrin lira Maltija u sitta u tletin ċenteżmu (Lm526.36) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 2186/04PBC) hija differita għall-5 ta' Mejju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 10th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 18th November 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Alliance Malta Limited (C25896) of 35, Zachary Street, Valletta to pay the plaintiff company the sum of five hundred and twenty six Maltese liri and thirty six cents (Lm526.36) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2186/04PBC) is put off on the 5th May 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

871

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-22 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mirage Holdings Limited (C6808) ta' Flamingo Showrooms, Cannon Road, Ħal Qormi ppreżentaw Talba fit-30 ta' Settembru 2004 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Brian Darmanin ta' Edward, Triq Villarosa, San Ġiljan, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf erba' mija u tlettax-il lira Maltija (Lm1,413) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1816/04AJD) hija differita għas-6 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 22nd March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mirage Holdings Limited (C6808) of Flamingo Showrooms, Cannon Road, Qormi, filed a Claim on the 30th September 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Brian Darmanin of Edward, Triq Villarosa, St Julians, to pay the plaintiff company the sum of one thousand four hundred and thirteen Maltese liri (Lm1,413) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1816/04AJD) is put off for the 6th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

872

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-3 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Primrose Poultry Products Limited ta' 25, Lighters Wharf, Marsa, ippreżentaw Talba fl-24 ta' Ġunju 2004 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Toni Zammit ta' Ħorża, Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex u Koperattiva tat-Tjur Ltd ta' 39, Triq ix-Xgħir, Ħaż-Żabbar, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf mija u tnejn u disgħin lira Maltija u sebgħin ċenteżmu (Lm1,192.70) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1305/04PBC) hija differita għall-5 ta' Mejju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 3rd March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Primrose Poultry Products Ltd of 25, Lighters Wharf, Marsa filed a Claim on the 24th June 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Toni Zammit of Ħorża, Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Gozo and Poultry Coperative Limited of 39, Triq ix-Xgħir, Żabbar to pay the plaintiff company the sum of one thousand one hundred and ninty two Maltese liri and seventy cents (Lm1,192.70) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1305/04PBC) is put off for the 5th May 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

873

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fis-6 ta' Mejju 2004, bin-numru 2611/04, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Pulis Roderick (ID 257979M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Mejju 2004, lil Pulis Roderick, 'Horvinc', Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, is-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta, interpellat lil intimat sabiex fi żmien jumejn iħallas is-somma ta':

This letter serves to interrupt prescription and is thus required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 26th April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

887

Ikun jaf kulhadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' April 2005, fl-atti tar-Rikors numru 46/05, fl-ismijiet Moira Borg vs Joseph Borg, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-21 ta' Marzu 2005, Rikors numru 46/05, fl-ismijiet Moira Borg vs Joseph Borg, ir-rikorrenti Moira Borg talbet:

Li tkun ammessa għall-benefiċċju gratuwitu ħalli tkun tista' tipproċedi kontra l-intimat sabiex iż-żwieġ jiġi ddikjarat null u bla effett.

Rikorrenti: St. Paul's Flats, Triq Ruġġieru Roria, il-Qawra.

Intimat: Blk. W, Flat 6, Day Street, il-Marsa.

Lill-Marixxall tal-Qrati.

Għarraf lil Joseph Borg illi Moira Borg ippreżentat rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi mogħtija li tmexxi bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna legali u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att jgħarraf lil dawn taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors m'għandhiex tiġi milqugħa kif jingħad fl-artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali,
Illum, 17 ta' Marzu 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 26 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 14th April 2005, in the records of the Application number 46/05, in the names Moira Borg vs Joseph Borg, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court, on the 21st March 2004, Application number 46/05, in the names Moira Borg vs Joseph Borg, the applicant Moira Borg requeted:

That she be admitted to the benefit of legal aid so that she may proceed against the respondent so that the marriage be declared null and without effect.

Applicant: St. Paul's Flats, Ruggieru Roria Stret, Qawra.

Respondent: Blk W, Flat 6, Day Street, Marsa.

To The Marshall of the Courts.

You are to inform Joseph Borg that Moira Borg filed an application in the First Hall Civil Court so that she be allowed to apply for the benefit of Legal Aid and inform him so that within four days from when he receives this act he informs the undersigned why the demand contained in the application should not be acceeded to as stated in article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid
Today, 17th March 2005.

Registry of the Superior Courts, today, 26th April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

888

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-29 ta' Marzu 2005, minn Maria Vittoria Abela neè Smith, rikors numru 191/2005, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha fi kwota ta' sest (1/6); favur David Hart iben il-mejta Alice Hart neè Smith (oħt id-decujus) u dan fi kwota ta' sest (1/6) indiviż; favur Ronnie Smith, Annie neè Smith u Rosemary Smith, ulied il-mejjet Harry Smith (ħu d-decujus) u dan fi kwota ta' parti waħda minn tmintax (1/18) kull wieħed u waħda minhom, favur Victor Smith, Percy Smith u Joe Smith ulied il-mejjet Arthur Smith (ħu d-decujus) u dan fi kwota ta' parti waħda minn tmintax (1/18) kull wieħed; favur l-eredità ta' Hilda Azzopardi (oħt id-decujus) u dan fi kwota ta' sest (1/6) indiviż bejniethom, u favur Joseph, Vivian, Leonard, Freddie, Tommy, Eddie u Miriam, aħwa Borg, ulied il-mejta Helen sive Nellie Borg neè Smith (oħt id-decujus) u dan fi kwota ta' parti waħda minn tnejn u erbgħin kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' George Rowling Smith, iben il-mejtin Percy Charles Smith u Rosina

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 29th March 2005, by Maria Vittoria Abela neè Smith, application number 191/2005, whereby she asked that there be declared open in her favour in the quota of one-sixth (1/6); in favour of David Hart son of the late Alice Hart neè Smith (sister of the decujus) and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share; in favour of Ronnie Smith, Annie neè Smith and Rosemary Smith, children of the late Harry Smith (brother of the decujus) and this in the quota of one-eighteenth (1/18) in favour of each one of them, in favour of Victor Smith, Percy Smith and Joe Smith children of the late Arthur Smith (brother of the decujus) and this in the quota of one-eighteenth (1/18) each, in favour of the estate of Hilda Azzopardi (sister of the decujus) and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share between them, and in favour of Joseph, Vivian, Leonard, Freddie, Tommy, Eddie and Miriam, siblings Borg, children of the late Helen sive Nellie Borg neè Smith (sister of the decujus) and this in the quota of one out of

Zammit, imwieled il-Furjana u miet Croydon, ir-Renju Unit, fid-9 ta' Mejju 1981, ta' 62 sena u kellu karta ta' l-identità numru 347918(M) li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) 27 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

forty-two parts, in favour of each one of them the SUCCESSION of George Rowling Smith, son of the late Percy Charles Smith and Rosina Zammit, born in Floriana and died in Croydon, United Kingdom, on the 9th May 1981, intestate, aged 62, and had identity card number 347918(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537 (1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 27th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

889

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu 2005, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 363/04 NC, fl-ismijiet Shaun Risiott vs Claudio Caruana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Shaun Risiott, Blokk 9, Nru 11, Bull Street, Bormla, ID Nru. 22977 (M) ippreżenta Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-20 ta' Mejju 2004, kontra Claudio Caruana Nru. 26, Clanaville, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala, ID Nru. 240467(M), fejn talab il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni:

Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut b'mod abbużiv u illegali billi unilateralment u mingħajr il-kunsens ta' l-attur, ittermina l-kuntratt fuq imsemmi ta' l-10 ta' April 2001, ikkaġuna danni lill-attur;

Tillikwida d-danni kkaġunati okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;

Tordna lill-konvenut iħallas lill-attur il-valur tas-sehem tiegħu ta' l-assi tad-ditta Sea Adventures Water Sports, imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni likwidati.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Diċembru 2003, u tal-Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru kawtelatorji kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Il-kawża hawn fuq imsemmija Ċitazzjoni Numru 363/04 NC, fl-ismijiet Risiott Shaun vs Caruana Claudio, tinsab differita għat-8 ta' Ġunju 2005, fid-9.00 a.m., għan-notifika.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 11th March 2005, in the records of the cause Writ of Summons number 363/04 NC, in the names Shaun Risiott vs Claudio Caruana, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Shaun Risiott, Block 9, No. 11, Bull Street, Cospicua, ID No. 22977 (M) filed, a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 20th May 2004, against Claudio Caruana, No. 26, ClanaVille, Father Wistin Born Street, Marsascala, ID No. 240467 (M), whereby he asked the defendant why this Honourable Court should not for reasons mentioned in the writ of summons:

Decide and declare that the defendant in an abusive and illegal manner by unilaterally and without the consent of the plaintiff, terminating the contract above mentioned of the 10th April 2001, caused damages to the plaintiff;

Liquidate the damages caused if necessary by the appointment of referees;

To order the defendant to pay the plaintiff the value of his share of the assets of the firm Sea Adventures Water Sports mentioned in the writ of summons;

Condemn the defendant to pay the plaintiff the damages liquidated.

With costs, including those of the judicial letter of the 9th December 2003 and of the Warrant of Seizure and the precautionary Garnishee Order against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The case above mentioned Writ of Summons No. 363/04 NC, in the names Risiott Shaun vs Caruana Claudio, has been put off to 8 June 2005, at 9.00 a.m., in order that service be effected.

Registry of the Superior Courts, today 27th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

890

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Novembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-30 ta' Awissu 2004, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs George Xuereb ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Awissu 2004, lil George Xuereb, St. Michels, Ħammieri Street, Ħal Qormi, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Norwich Union International Insurance Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Carmel Borg, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Carmel Borg (11959M) filwaqt illi jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-25 ta' Ottubru 2003, f'Valley Road, l-Imsida bejn il-vettura misjuqa minnek bin-numru ta' reġistrazzjoni KAE 124, u l-vettura proprjetà tal-mittenti Carmel Borg bin-numru ta' reġistrazzjoni IAS 448, jinterpellawk sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tħallas lill-mittenti Carmel Borg, is-somma ta' ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm25) rappreżentanti excess payment minnu mħallas lis-soċjetà mittenti Fogg Insurance Agencies Limited, bħala riżultat ta' dan l-inċident, u tħallas ukoll lill-mittenti Fogg Insurance Agencies Limited, is-somma ta' mija u sebgħa u sittin lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm167.33) għall-ħlasijiet kollha minnha effettwati lill-assigurat tagħha bħala riżultat ta' l-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat tat-traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek.

Il-mittenti jinformawk illi f'każ illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inutilment, huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tiegħek bil-mezzi kollha li trid il-Liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Kopja ta' din l-ittra qiegħda tintbagħat ukoll lil Rausi Insurance Agency Limited bħala aġenti ta' sindakati esteri operanti bl-isem Lloyd's Underwriters, għal kull tenur u effett tal-Liġi.

Dina l-ittra qiegħda ssir senjatament iżda mhux limitatament għal skopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Mittenti: Britannia House, Melita Street, Valletta.
Respondent: St. Michels, Ħammieri Street, Ħal Qormi.

Notifika: Rausi Insurance Agency Limited bħala aġenti

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 16th November 2004, in the records of the judicial letter filed on the 30th August 2004, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs George Xuereb ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 30th August 2004, against George Xuereb, St. Michels, Ħammieri Street, Qormi, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) in the name and in representation of the foreign company Norwich Union International Insurance Limited and these as subrogated in the rights of their insured Carmel Borg, on the basis of the insurance policy of the type comprehensive and by Law, and the same Carmel Borg (11959M), whilst referring to the car accident which occurred on the 25th October 2003, in Valley Road, Msida between the vehicle driven by you having registration number KAE 124, and the vehicle property of the interpellant Carmel Borg, bearing registration number IAS 448, call upon you so that within three (3) days you pay the interpellant Carmel Borg, the sum of twenty five Maltese liri (Lm25) representing excess payment paid by him to the interpellant company Fogg Insurance Agencies Limited as a result of this incident, and pay also the interpellant Fogg Insurance Agencies Limited, the sum of one hundred sixty seven Maltese liri and thirty three cents (Lm167.33) for all the payments effected by them to their insured as a result of the said accident, which accident occurred solely as a result of carelessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations on your part.

The interpellants, inform you that in case the term given to you uselessly passes, they shall have no alternative but to proceed further against you with all the means allowed by Law.

So much so that you may know how to regulate yourselves and avoid useless expenses.

A copy of this letter is being sent also to Rausi Insurance Agency Limited, as agents of the foreign syndicates operating by the name Lloyd's Underwriters for all intents and purposes of Law.

This letter is being made especially but not limitedly for the purposes of interruption of prescription in terms of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interests.

Interpellants: Britannia House, Melita Street, Valletta.
Respondent: St. Michels, Ħammieri Street, Qormi.

Notify: Rausi Insurance Agency Limited as agents of

ta' sindakati esteri operanti bl-isem Llyod's Underwriters, GB Buildings, 28, Triq il-Watar, Ta' Xbiex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 27 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

foreign syndicates operating under the name Llyod's Underwriters, GB Buildings, 28, Watar Street, Ta' Xbiex.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 27th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

891

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Settembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Ltd vs Christine Marie Spasojevic, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Lulju 2004, lil Christine Marie Spasojevic –163/1, Triq l-Għasel, il-Mellieħa, Fogg Insurance Agencies Ltd, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Norwich Union International Insurance Limited (C -597) filwaqt illi tagħmel referenza għall-proċeduri illi jidher illi ġew istitwiti fil-konfront tiegħek, fl-ismijiet Atlas Insurance Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata tagħha Joanne Chetcuti vs Christine Marie Spasojevic, in konnessjoni ma' l-inċident awtomobilistiku illi seħħ fil-25 ta' April 2003, fi Triq Reġjonali, il-Gżira, tinformak formalment illi hija mhix se tkoprik ai termini tal-polza relattiva u dan wara illi inti nqast milli tħallas l-excess minnek dovut ai termini ta' l-istess polza, u inoltre nqast ukoll milli taċċetta t-tort għall-akkadut minkejja kull parir lilek mogħti.

Il-mittenti tinformak ukoll illi hija qiegħda żżomm fermi d-drittijiet kollha tagħha fil-konfront tiegħek, f'każ illi hija tiġi obbligata illi teffettwa xi pagamenti lil terzi għan-nom tiegħek.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, senjatament dawk tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mittenti: Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.

Intimata: 163/1, Triq l-Għasel, il-Mellieħa.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 27 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 1st September 2004, in the records of the judicial letter in the names Fogg Insurance Agencies Ltd vs Christine Marie Spasojevic, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 23 rd July 2004, against Christine Marie Spasojevic –163/1, l-Għasel Street, Mellieħa, Fogg Insurance Agencies Ltd, in the name and in representation of the foreign company Norwich Union International Insurance Limited (C-597) whilst referring to the procedures which appear to have been instituted against you, in the names Atlas Insurance Limited and these as subrogated in the rights of their insured Joanne Chetcuti vs Christine Marie Spasojevic, in connection with the car accident which occurred on the 25th April 2003, in Regional Road, Gżira, formally informs you that they shall not cover you in terms of the relative policy and this after you failed to pay the excess due by you in terms of the same policy and furthermore you failed to accept responsibility for what happened despite of every advice given to you.

The interpellant informs you also that they are holding firm all their rights against you, in case that they are bound to make out payments to third parties on your behalf.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to avoid useless and unnecessary expenses.

This judicial letter is being made for all intents and purposes of law especially those under Chapter 104 of the Laws of Malta.

Interpellant: Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.

Respondent: 163/1, l-Għasel Street, Mellieħa.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 27th April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

892

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Citadel Insurance plc vs Eredi mhux magħrufa tal-mejta Maria Sciberras et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni għall-finijiet ta' l-Artikolu 891 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u ta' l-artikolu 2128 u 2130 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 25 ta' Ġunju 2004

Lil: 1. Eredi mhux magħrufa tal-mejta Maria Sciberras
c/o 186, Valley Road,
Birkirkara.

2. Eredi mhux magħrufa tal-mejjet Paul Axiaq
c/o 256, St. Paul's Street,
Valletta.

Permezz tal-preżenti, Citadel Insurance plc (Casa Borgo, 36, Triq is-Suq, il-Furjana) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha JP Tabone Enterprises sija bil-polza u sija bil-liġi, filwaqt li tagħmel riferenza għall-inċident li seħħ fit-2 ta' Lulju, 2000 li fih ġew ikkaġunati danni fil-merkanzija ta' l-Ispiżerija Rational Pharmacy f'185, Valley Road, Birkirkara minħabba dħul ta' ilma mill-fond sovrastanti numru 186, Valley Road, Birkirkara, proprjetà tal-mejjet Paul Axiaq u abitata mill-mejta Maria Sciberras, jinterpellawkom jew min minnkom biex fiż-żmien tlett ijiem tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni fis-somma ta' tlett elef tlieta u ħamsin lira Maltin u tnax-il ċenteżmu (Lm3,053.12) jew ammont verjuri sofferti minn JP Tabone Enterprises li jiġġestixxi l-Ispiżerija b'konsegwenza ta' l-imsemmi inċident li ġie kkaġunat minħabba traskuraġni min-naħa ta' l-imsemmija Maria Sciberras u Paul Axiaq jew min minnhom inkluż nuqqas ta' manutenzjoni adegwata ta' l-imsemmi fond.

Fin-nuqqas se jittieħdu proċeduri ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr avviż ieħor.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Dina l-intima qiegħda sseħħ għat-tenur ta' l-Artikoli 2128 u 2130 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u ta' l-Artikolu 891 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 27 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 28th June 2004, in the records of the judicial letter in the names Citadel Insurance plc vs unknown Heirs of the deceased Maria Sciberras et ordered the following publication for the purposes of Article 891 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12) and article 2128 and 2130 of the Civil Code (Chapter 16).

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 25th June 2004

To: 1. Unknown heirs of the deceased Maria Sciberras
c/o 186, Valley Road,
Birkirkara.

2. Unknown heirs of the deceased Paul Axiaq
c/o 256, St. Paul's Street,
Valletta.

By the present, Citadel Insurance plc (Casa Borgo, 36, Market Street, Floriana) as subrogated in the rights of their insured JP Tabone Enterprises both by policy and by law, whilst referring to the incident which occurred on the 2nd July 2000 whereby damages was caused to the merchandise of the Pharmacy Rational Pharmacy in 185, Valley Road, Birkirkara) due to the seeping of water from the premises above number 186, Valley Road, Birkirkara property of the deceased Paul Axiaq and inhabited by the deceased Maria Sciberras, call upon you or either of whom so that within three days you come forward to the liquidation and payment of damages in the sum of three thousand and fifty three Maltese liri and twelve cents (Lm3,053.12) or more correct sum suffered by JP Tabone Enterprises who operates the Pharmacy, as a consequence of the said accident which was caused due to carelessness on the part of the said Maria Sciberras and Paul Axiaq or either of whom including lack of adequate maintenance of the said premises.

Failing which further Court action will be taken against you without another notice.

With interest and with costs.

This calling is being made for the purposes of Article 2128 and 2130 of the Civil Code (Chap 16) and Article 891 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 27th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

893

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3704/04, fl-ismijiet Philip Mifsud vs Mario Camilleri ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Ġunju 2004, lil Mario Camilleri, Philip Mifsud, filwaqt li jirreferik għall-kuntratt ta' appalt dwar il-garaxx u l-postijiet fis-Siġġiewi li ġie esegwit mill-mittent fuq inkarigu tiegħek, jinterpellak, biex fi żmien tlett ijiem thallsu s-somma ta' tlett elef seba' mija u wieħed u tletin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,731.69ċ) dovuti lilu skond il-kejl u konteġġ ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni rilaxxjat mill-Perit Saviour Borg fl-20 ta' April 2004, li kopja tagħhom diġà tinsab fil-pussess tiegħek.

Fin-nuqqas il-mittent javżak li jipproċedi kontrik skond il-liġi mingħajr ebda avviż ieħor u jiżdiedu l-ispejjeż.

Din l-ittra uffiċjali qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment għall-finijiet u effetti kollha tal-Kapitolu 12 u tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Mittent: 'Mayflower', 77, Triq il-Qolla, Żebbuġ (Malta).

Intimat: 'Tesmar', Triq Nikol Montebello, Ħal Qormi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 27 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 13th October 2004, in the records of the judicial letter number 3704/04, in the names Philip Mifsud vs Mario Camilleri ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 22nd June 2004, against Mario Camilleri, Philip Mifsud whilst referring to the contract of works regarding the garage and the premises in Siġġiewi which was carried out by the interpellant following your request, calls upon you so that within three days you pay him the sum of three thousand seven hundred and thirty one Maltese liri and sixty nine cents (Lm3,731.69c) due to him according to the measurement and bills for construction works issued by Architect Saviour Borg on the 20th April 2004, a copy of which is already in your possession.

Failing which the interpellant warns you that he shall proceed against you according to law without any other notice and expenses will increase.

This judicial letter is being sent for all intents and purposes of law and particulary for all intents and purposes of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

With costs.

Interpellant: 'Mayflower', 77, Qolla Street, Żebbuġ (Malta).

Respondent: 'Tesmar', Nikol Montebello Street, Qormi.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 27th April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

894

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Frar 2005, fl-Atti tar-Rikors Nru. 941/04 NC, fl-ismijiet Maltacom p.l.c. vs Walter Zammit ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivil fit-2 ta' Diċembru 2004, mis-soċjetà Kummerċjali Maltacom p.l.c. (C 22334), li esponiet bir-rispett;

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 16th February 2005, in the records of the Application Number 941/04 NC, in the names Maltacom p.l.c. vs Walter Zammit ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Civil Court First Hall, on the 2nd December 2004, by the Commercial company Maltacom p.l.c. (C 22334) which respectfully pleaded;

Illi l-kawża fl-ismijiet Maltacom plc kontra Walter Zammit (Ċit. Numru 2138/98 GV) ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999 u fl-istess kawża l-konvenut kien ġie kkundannat iħallas lill-Maltacom plc is-somma ta' Lm1,527.63 (elf, ħames mija sebgħa u għoxrin liri Maltin u tlieta u sittin ċenteżmu) in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 611520 li kien installat fil-fond 'Richline Flats', Flat/4, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

That the cause in the names Maltacom plc against Walter Zammit (Writ of Summons number 2138/98 GV) was decided by this Court on the 28th May 1999 and in the same cause the defendant was condemned to pay Maltacom plc the sum of Lm1,527.63 (one thousand five hundred and twenty seven Maltese liri and sixty three cents) in connection with telephone service number 611520 which was installed in the premises 'Richline Flats', Flat 4, Ġużè Howard Street, Sliema, with interest and with costs.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati oltre Lm208.28 (mitejn u tmien liri Maltin u tmienja u għoxrin ċenteżmu) spejjeż u drittijiet

That from the said sum the defendant did not pay anything and thus the amount due at the moment, is of the capital above indicated besides Lm208.28 (two hundred and eight Maltese liri and twenty eight cents) expenses and fees.

.....Omissis.....

.....Omissis.....

u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm2,387.70 (elfejn tliet mija sebgħa u tmenin lira Maltinja u sebgħin ċenteżmu) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

and thus the amount due to the applicant is of Lm2,387.70 (two thousand three hundred and eighty seven Maltese liri and seventy cents) saving any further interest till the date of effective payment.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-Soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

That from the date of the judgment there elapsed more than five (5) years and the applicant company has an interest to proceed with the opportune warrants to collect the amount due to it.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Thus the applicant whilst referring to article 258 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12) of the Laws of Malta prays with respect that it be authorized by this Honourable Court to proceed with the opportune warrants to execute the judgment in the names indicated.

Rikorrenti: Maltacom p.l.c., Telgħet Spencer, il-Marsa.

Applicant: Maltacom p.l.c., Spencer Hill, Marsa.

Intimat: Walter Zammit, 52, 'Emerson Crt', Flat/6, Triq il-Ktajjen, is-Swieqi.

Respondent: Walter Zammit, 52, 'Emerson Crt', Flat/6, Ktajjen Street, Swieqi.

Ir-Rikors Nru 941/2004 NC, fl-ismijiet Maltacom plc vs Zammit Walter ġie differit għas-smigħ għall-10 ta' Ġunju 2005, fid-9.00 a.m.

The Application number 941/2004 NC, in the names Maltacom plc vs Zammit Walter was put off for hearing to the 10th June 2005, at 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' April 2005.

Registry of the Superior Courts, today 28th April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

895

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2005 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 31 ta' Mejju, 2005, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-13 ta' Awissu, 2004 li għandu jsir fil-KURIDUR TA' DAWN IL-QRATI tal-fond hawn taħt deskritt:-

Il-fond numru 29 gia markat 35B, fi Triq ir-Redentur, Ħaż-Żabbar, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm0.42c0, stmat li tiswa Lm18,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Joseph Zerafa.

L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Alan Saliba fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-16 ta' Diċembru, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, it-18 ta' Marzu, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on 31st January, 2005 on the application of Bank of Valletta p.l.c.; Tuesday 31st May, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 13th August, 2004 to be held in the CORRIDOR OF THESE COURTS of the following property:-

Tenement number 29 already marked 35B, in Redeemer Street, Żabbar, as being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm0.42c0, valued at Lm18,000.00c0.

The said property belongs to Joseph Zerafa.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Alan Saliba A&CE on the 16th December, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 18th day of March, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

896

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Marzu, 2005 fuq rikors ta' George Cassar et. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 31 ta' Mejju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ IN LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'sentenza tad-29 ta' April, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetà hawn taħt deskritta.

Il-fond immarkat 619 u 620, già numerat 119 u 120, f'Saint Joseph High Street, il-Ħamrun, stmat li jiswa Lm48,000.00c0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lill-kollegitanti kollha msemmija fl-Atti.

N.B. L-imsemmija propjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-A.I.C. David Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-18 ta' Marzu, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 11th March, 2005 on the application of George Cassar et.; Tuesday 31st May, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY LICITATION ordered by judgement given on the 29th April, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Tenement marked 619 and 620, already numbered 119 and 120, in Saint Joseph High street, Ħamrun, valued at Lm48,000.00c0.

The said property belongs to all the collicitators named in the same Acts.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by David Pace A&CE .

Registry of the Superior Courts, this 18th day of March, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	Lm 2.00c
Child Protection – Procedures for Schools	Lm 1.50c
Geological Maps of Malta	Lm 7.00c
Geological Maps of Gozo	Lm 5.00c
Geological Maps of Malta and Gozo	Lm10.00c
Il-Bennej	Lm 3.50c
Il-Ġaħan ta' Binġemma	Lm 2.00c
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	Lm 1.00c
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	Lm 1.00c
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	Lm 1.00c
Santo Spirito Hospital	Lm 2.00c
Syllabus for the Primary School – Years 4,5 and 6	Lm 1.00c

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

Agriculture and Fisheries 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
A Window on the World of Work	Lm 2.00c
Abstract of Statistics 2000	Lm 5.00c
Benchmarking Malta in Europe	Lm 3.00c
Children	Lm 3.00c
Culture Statistics	Lm 2.00c
Demographic Review 2003	Lm 3.00c
Education Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Environment Statistics	Lm 4.00c
Household Budgetary Survey	Lm 8.00c
Kultura 2000 - A Survey On Cultural Participation	Lm 3.00c
Malta in Figures 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
National Accounts of the Maltese Islands 1999	Lm 3.00c
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	Lm 4.00c
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	Lm 2.00c
Sports Organisations 2000 – 2002	Lm 3.00c
Survey on ICT Usage in Households 2002	Lm 2.00c
Trade Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 5.00c
Transport Statistics 2004 (CD Rom)	Lm 2.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2004 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Acts of Parliament passed during 2004 (in print form)	Lm 5.00c
Annual Reports of Government Departments – 2003	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Diskors tal-*Budget* 2005	Lm 1.00c
Economic Survey January - September 2004	Lm 2.00c
Electoral Register, April 2005	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, April 2005	Lm31.18c
Estimates 2005	Lm 2.00c
Financial Report 2003	Lm 2.50c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices and Bye-Laws 2004 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2003	Lm 2.50c
Risk Management in Government Departments - An Audit Approach	Lm 1.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2004	Lm28.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2003	Lm 3.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
White Paper – Lejn Ġustizzja Aħjar u Eħfef	no charge
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable (in print form)	Lm 4.00c
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable on compact disc (CD)	Lm 4.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2004	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*